# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju, 2001**

**Numru 59**

**Citaz. numru: 1418/98 M2 NA**

**Spira Zerafa**

**vs**

**Frans Zerafa**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tad-29 ta' Mejju 2000 fejn titlob lill-Qorti tordna li l-manteniment li l-konvenut kien gie kkundannat ihallas b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Awissu 1997 jigi direttament imnaqqas mill-pensjoni tieghu.

Ghal dan ir-rikors, saret ir-risposta tal-konvenut fit-30 ta' Gunju 2000 fejn jopponi ghal din it-talba.

Fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2000 l-attrici, tramite d-difensur taghha, talbet, u gie lilha koncess, il-fakolta' li taghmel nota ta' sottomissjonijiet, iz-zmien ghal liema nota gie estiz fis-seduta tat-12 ta' Frar 2001 u r-rikors differit ghall-provvediment, liema provvediment sejjer jinghata llum. In-nota attrici effettivament saret fis-6 ta' April 2001 minkejja illi ma jirrizultax jekk gietx notifikata jew le lill-kontro-parti kif ordnat mill-Qorti fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2000. Dan nonostante pero' in vista ta' l-ezitu ta' dan id-digriet il-Qorti ma thossx illi dan jista' jkun ta' pregudizzju ghall-konvenut u ghalhekk il-Qorti sejra tipprocedi bil-prolazzjoni tal-provvediment.

Ikkunsidrat:-

Illi mil-lat legali din il-Qorti ftit ghandha x'izzid fil-materja in kwistjoni oltre dak minnha deciz originarjament fid-digriet "Bone vs Bone" (27/12/99) liema digriet gie minnha ri-ezaminat u zviluppat fil-provvediment "Zammit vs Zammit" deciz illum stess.

B'riferenza partikolari ghas-sottomissjonijiet maghmulha mill-attrici, pero', il-Qorti zzid is-sottomissjonijiet segwenti:

1. Il-Qorti m'ghandhiex dubbju x'setghet kienet l-intenzjoni tal-legislatur. Il-kompitu taghha pero' huwa li tinterpreta din l-intenzjoni kif minnu espressa fil-kliem tal-ligi;

2. M'hemmx dubbju illi d-digriet imsemmija fl-Artikolu 470 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma titoli ezekuttivi a tenur ta' l-Artikolu 480 (3) (a) ta' l-istess Kodici. Din hija r-regola generali. B'deroga ghal din ir-regola generali pero' hemm ir-regola specjali li ma jistghux jinhargu Mandati ta' Sekwestru (jinghad ghalhekk wiehed biss mill-mezzi ezekuttivi) kontra, fost ohrajn, il-pensjonijiet pagabbli (u dana bhal fil-kaz odjern) - Artikolu 381 (1) (b) ta' l-istess Kapitolu 12. Is-sub-artikolu (3) ta' l-Artikolu 381 huwa allura eccezzjoni ghal din l-eccezzjoni u proprju hawn tidhol l-interpretazzjoni ta' din il-Qorti tad-dicitura ta' l-istess Artikolu 381 (3) fid-digrieti "Bone vs Bone" u "Zammit vs Zammit" fuq citati;

3. Dwar din l-interpretazzjoni in partikolari ta' dan l-Artikolu din il-Qorti thoss li ftit aktar hemm x'wiehed jista' jghid hlief li tiddikjara illi, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-attrici, dak minnha mitlub zgur li ma kienx jinkwadra ruhhu fil-poteri li ghandha s-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Biex infatti ssib l-

applikazzjoni taghha l-eccezzjoni msemmija fis-sub-artikolu (3) ta' l-Artikolu 381 irid ikun hemm kawza ta' manteniment. Il-kawzi huma biss proposti fil-Qorti Kontenzjuza, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u mhux fil-Qorti Volontarja - is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-talba attrici hija respinta, fil-waqt illi l-ispejjez huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.